REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2405

tat-18 ta' Diċembru 2015

li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-UE għall-prodotti agrikoli li joriġinaw fl-Ukrajna

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 187(a) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE ([2]) awtorizzat l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ([3]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dak il-Ftehim. L-Artikolu 29(1) tal-Ftehim jistipula li d-dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' oġġetti li joriġinaw fl-Ukrajna jridu jitnaqqsu jew jiġu eliminati skont l-Anness I-A tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV ta' dak il-Ftehim. L-Appendiċi ta' dak l-Anness jelenka l-kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti li joriġinaw fl-Ukrajna, inklużi prodotti agrikoli li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(2) Sakemm il-Ftehim jiġi applikat b'mod provviżorju, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 374/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), inftaħu kwoti tariffarji għall-2014 u l-2015 għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti li joriġinaw fl-Ukrajna u dawn kienu amministrati mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([5]).

(3) Il-Ftehim se jiġi applikat b'mod provviżorju mill-1 ta' Jannar 2016 'il quddiem. Għalhekk jeħtieġ li jinfetħu kwoti tariffarji annwali għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli mniżżlin fl-Anness I-A tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim mill-1 ta' Jannar 2016 'il quddiem.

(4) Kif previst fil-Ftehim, sabiex jibbenefikaw mill-konċessjonijiet tariffarji previsti f'dan ir-Regolament, il-prodotti mniżżlin fl-Anness għandu jkollhom magħhom prova tal-oriġini.

(5) In-Nomenklatura Magħquda (NM) mogħtija fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([6]), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1101/2014 ([7]), fiha kodiċijiet tan-NM ġodda li huma differenti minn dawk imsemmija fil-Ftehim. Għaldaqstant, l-Anness ta' dan ir-Regolament għandu jirrifletti l-kodiċijiet tan-NM l-ġodda.

(6) Parti mill-Ftehim għandha tiġi applikata b'mod provviżorju mill-1 ta' Jannar 2016 'il quddiem. Sabiex ikun żgurat li l-kwoti tariffarji mogħtija skont il-Ftehim jiġu applikati u amministrati b'mod effettiv, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016 'il quddiem.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-Titolu III (bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw it-trattament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment impjegati bħala ħaddiema fit-territorju tal-Parti l-oħra) u t-Titoli IV, V, VI u VII tiegħu, kif ukoll l-Annessi u l-Protokolli relatati (ĠU L 278, 20.9.2014, p. 1).

([3]) Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 374/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' dazji doganali fuq oġġetti li joriġinaw fl-Ukrajna (ĠU L 118, 22.4.2014, p. 1).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1101/2014 tas-16 ta' Ottubru 2014 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 312, 31.10.2014, p. 1).

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għandhom jinfetħu kwoti tariffarji tal-UE għall-prodotti mniżżlin fl-Anness li joriġinaw fl-Ukrajna.

Artikolu 2

Id-dazji doganali li japplikaw għall-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodotti mniżżlin fl-Anness li joriġinaw fl-Ukrajna għandhom jiġu sospiżi fil-kwoti tariffarji rispettivi stipulati fl-Anness.

Artikolu 3

Il-prodotti mniżżlin fl-Anness għandu jkollhom magħhom prova tal-oriġini kif stipulat fl-Anness III tal-Protokoll I tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra.

Artikolu 4

Il-kwoti tariffarji stipulati fl-Anness għandhom jiġu amministrati mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa japplika mill-1 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Minkejja r-regoli ta' interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies biss bħala kliem ta' valur indikattiv, filwaqt li l-iskop tal-iskema preferenzjali jkun deċiż, fil-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kodiċijiet tan-NM kif ikunu jeżistu meta jiġi adottat dan ir-Regolament.

Numru tal-ordni	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum annwali tal-kwota (il-piż nett f'tunnellati sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)
09.6700	0204 22 50 0204 22 90	Saqajn tan-nagħaġ u qatgħat oħrajn bl-għadma (minbarra l-karkassi u n-nofs karkassi, il-kwarti ta' quddiem qosra u l-qatgħat tad-dahar u/jew l-aħjar truf), friski jew imkessħin	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	1 500 [1]
	0204 23	Laħam tan-nagħaġ bla għadma, frisk jew imkessaħ		
	0204 42 30 0204 42 50 0204 42 90	Qatgħat tal-laħam tan-nagħaġ bl-għadma, iffriżati (minbarra l-karkassi u n-nofs karkassi u l-kwarti ta' quddiem qosra)		
	0204 43 10	Laħam tal-ħaruf iffriżat, bla għadma		
	0204 43 90	Laħam tan-nagħaġ iffriżat, bla għadma		
09.6701	0409	Għasel naturali	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	5 000 [2]
09.6702	0703 20	Tewm, frisk jew imkessaħ	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	500
09.6703	1004	Ħafur	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	4 000
09.6704	1701 12	Zokkor tal-pitravi mhux raffinat li ma fihx miżjudin ħwawar jew materjal biex jagħti l-kulur	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	20 070
	1701 91			
	1701 99	Zokkor ieħor minbarra z-zokkor mhux raffinat		
	1702 20 10	Zokkor tal-aġġru f'forma solida, li fih miżjudin ħwawar jew materjal li jagħti l-kulur		
	1702 90 30	Isoglukows f'forma solida, li fih fl-istat xott 50 % tal-piż fruktows		

Numru tal-ordni	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum annwali tal-kwota (il-piż nett f'tunnellati sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)
	1702 90 50	Maltodextrin f'forma solida u ġulepp tal-maltodextrin, li fihom fl-istat xott 50 % tal-piż fruktows		
	1702 90 71 1702 90 75 1702 90 79	Karamella		
	1702 90 80	Ġulepp tal-inulina		
	1702 90 95	Zokkor ieħor, inklużi zokkor maqlub (*invert*) u zokkor ieħor u taħlit ta' ġulepp taz-zokkor li fihom fl-istat xott 50 % tal-piż fruktows		
09.6705	1702 30 1702 40	Glukows u ġulepp tal-glukows, li ma fihomx fruktows jew fihom fl-istat xott anqas minn 50 % tal-piż fruktows, ħlief zokkor maqlub (*invert*)	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	10 000 [3]
	1702 60	Fruktows ieħor u ġulepp tal-fruktows, li fihom fl-istat xott aktar minn 50 % tal-piż fruktows, ħlief zokkor maqlub (*invert*)		
09.6706	2106 90 30	Ġuleppijiet tal-isoglukows imħawrin jew ikkuluriti	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	2 000
	2106 90 55	Ġulepp tal-glukows u ġulepp tal-maltodestrin imħawrin jew ikkuluriti		
	2106 90 59	Ġuleppijiet taz-zokkor imħawrin jew ikkuluriti (minbarra l-ġuleppijiet tal-isoglukows, tal-laktows, tal-glukows u tal-maltodestrin)		
09.6707	ex 1103 19 20	Xgħir u barli mitħun oħxon (*groats*) u pasti tal-barli	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	6 300 [4]
	1103 19 90	Xgħir u barli mitħun oħxon (*groats*) u pasti taċ-ċereali (minbarra l-qamħ, is-segala, l-ħafur, il-qamħirrum, ir-ross u l-barli)		
	1103 20 90	Griebeb taċ-ċereali (minbarra l-qamħ, is-segala, l-ħafur, il-qamħirrum, ir-ross u l-barli)		
	1104 19 10 1104 19 50	Ħbub tal-qamħ imremblin jew imqattgħin irqaq		
	1104 19 61	Ħbub tal-qamħirrum imremblin jew imqattgħin irqaq		
	1104 19 69	Ħbub tal-barli mremblin		
		Ħbub tal-barli mqattgħin irqaq		

Numru tal-ordni	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum annwali tal-kwota (il-piż nett f'tunnellati sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)
	ex 1104 29	Ħbub maħdumin (pereżempju mqaxxrin, imfarrkin f'biċċiet tondi, mfettin jew miṫunin oħxon), minbarra dawk tal-ħafur, tas-segala u tal-qamħirrum		
	1104 30	Nibbieta taċ-ċereali, sħiħa, irrumblata, mqatta' rqiq jew miṫuna		
09.6708	1107 1109	*Malt*, kemm jekk inkaljat jew le Gluteina tal-qamħ, imnixxfa jew le	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	7 000
09.6709	1108 11 1108 12 1108 13	Lamtu tal-qamħ Lamtu tal-qamħirrum Lamtu tal-patata	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	10 000
09.6710	3505 10 10 3505 10 90 3505 20 30 3505 20 50 3505 20 90	Destrini u lamti oħrajn modifikati (minbarra l-lamti, esterifikati jew eterifikati) Kolol li fihom, bil-piż, 25 % jew iktar ta' lamti jew destrini jew lamti oħrajn modifikati	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	1 000 ([5])
09.6711	2302 10 2302 30 2302 40 10 2302 40 90 2303 10 11	Granza, dqiq inferjuri (*sharps*) u fdal oħrajn, fil-forma ta' gerbub jew le, ġejjin mit-tnaqqih, ṫhin jew xogħol ieħor fuq ċereali (minbarra dawk tarross) Fdal mill-manifattura ta' lamtu mill-qamħirrun (ħlief likuri konċentrati mit-tixrib), b'kontenut ta' proteina, kalkulat fuq il-prodott xott, ta' aktar minn 40 % tal-piż	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	17 000 ([6])
09.6712	0711 51 2003 10	Faqqiegħ tal-ġens *Agaricus* ippreservat provviżorjament (pereżempju, bil-gass dijossidu tal-kubrit, fis-salmura, f'ilma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn biex jippreservaw), iżda mhux tajbin f'dak l-istat għal konsum immedjat Faqqiegħ tal-ġens *Agaricus*, ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	500

Numru tal-ordni	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum annwali tal-kwota (il-piż nett f'tunnellati sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)
09.6713	0711 51	Faqqiegħ tal-ġens *Agaricus* ippreservat provviżorjament (pereżempju, bil-gass dijossidu tal-kubrit, fis-salmura, f'ilma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn biex jippreservaw), iżda mhux tajbin f'dak l-istat għal konsum immedjat	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	500
09.6714	2002	Tadam ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	10 000
09.6715	2009 61 90 2009 69 11 2009 69 71 2009 69 79 2009 69 90 2009 71 2009 79	Meraq tal-għeneb (inkluż għeneb magħsur iżda qabel jeħmer), b'valur Brix mhux ogħla minn 30, ta' valur ma jaqbiżx it-18-il EUR kull 100 kg piż nett Meraq tal-għeneb (inkluż għeneb magħsur iżda qabel jeħmer), ta' valur Brix aktar minn 67, ta' valur taħt it-22 EUR kull 100 kg piż nett Meraq tal-għeneb (inkluż għeneb magħsur iżda qabel jeħmer), b'valur Brix ogħla minn 30 iżda taħt is-67, ta' valur taħt it-18-il EUR kull 100 kg piż nett Meraq tat-tuffieħ	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	10 000 [7]
09.6716	0403 10 51 0403 10 53 0403 10 59 0403 10 91 0403 10 93 0403 10 99 0403 90 71 0403 90 73 0403 90 79 0403 90 91 0403 90 93 0403 90 99	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħrajn fermentati jew li saru aċidużi, kemm jekk konċentrati kif le, imħawrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	2 000
09.6717	0405 20 10 0405 20 30	Dlik (pejst) tal-butir b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' 39 % jew aktar iżda mhux aktar minn 75 %	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	250

Numru tal-ordni	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum annwali tal-kwota (il-piż nett f'tunnellati sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)
09.6718	0710 40 0711 90 30 2001 90 30 2004 90 10 2005 80	Qamħ ħelu	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	1 500
09.6719	1702 50	Fruktows kimikalment pur	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	2 000 ([8])
	1702 90 10	Maltosju kimikament pur		
	ex 1704 90 99	Ħelu ieħor taz-zokkor, mingħajr kawkaw, li fih 70 % jew aktar tal-piż sukrows		
	1806 10 30 1806 10 90	Trab tal-kawkaw, li fih 65 % jew aktar tal-piż sukrows jew isoglukows imfisser bħala sukrows		
	ex 1806 20 95	Preparazzjonijiet oħrajn fi blokki, ċangaturi jew biċċiet jiżnu iktar minn 2 kg jew f'forma likwida, pejst, trab, granulari jew f'xi forma oħra bl-ingrossa ġo kontenituri jew pakki diretti, b'kontenut itqal minn 2 kg, li fihom inqas minn 18 % tal-piż butir tal-kawkaw u 70 % jew aktar tal-piż sukrows		
	ex 1901 90 99	Preparazzjonijiet oħrajn tal-ikel taddqiq, *groats* (xgħir u barli miħun oħxon), pasta, lamtu jew estratt taxxgħir, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 40 % tal-piż kawkaw kalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li fihom 70 % jew aktar tal-piż sukrows		
	2101 12 98 2101 20 98	Preparazzjonijiet b'bażi ta' kafè, tè jew matè		
	3302 10 29	Taħlit ta' sustanzi li jfuħu u taħlit b'bażi ta' waħda jew aktar minn dawn is-sustanzi, ta' tip użati fl-industriji tax-xorb, li fihom l-aġenti kollha ta' taħwir li jikkaratterizzaw xarba, b'saħħa alkoħolika attwali bil-volum li ma taqbiżx iż-0,5 %		
09.6720	1903	Tapjoka u sostituti tagħha ppreparati minn lamtu, f'forma ta' qxur, ħbub, perli, frakijiet jew forom simili	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	2 000

Numru tal-ordni	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum annwali tal-kwota (il-piż nett f'tunnellati sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)
	1904 30	Qamħ *bulgur*		
09.6721	1806 20 70 2106 10 80 2202 90 99	Frak tal-ħalib taċ-ċikkulata Konċentrati ta' proteini u sustanzi ta' proteini minsuġin oħrajn Xorb mhux alkoħoliku, minbarra l-ilma, li fih 2 % jew iktar piż ta' xaħam miksub mill-prodotti ta' titli 0401 sa 0404	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	300 (9)
09.6722	2106 90 98	Preparazzjonijiet tal-ikel oħrajn li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	2 000
09.6723	2207 10 2208 90 91 2208 90 99 2207 20	Alkoħol etiliku mhux żnaturat Alkoħol etiliku u spirti oħrajn, żnaturati, ta' kull saħħa	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	27 000 (10)
09.6724	2402 10 2402 20 90	Sigarri, *cheroots* u *cigarillos*, li fihom tabakk Sigaretti li fihom it-tabakk, li ma fihomx imsiemer tal-qronfol	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	2 500
09.6725	2905 43 2905 44 3824 60	Mannitol D-glucitol (sorbitol) Sorbitol ħlief dak ta' subtitlu 2905 44	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	100
09.6726	3809 10 10 3809 10 30 3809 10 50 3809 10 90	Aġenti għall-irfinar, katalisti (*carriers*) biex iħaffu ż-żbigħ jew l-iffissar ta' sustanzi taż-żbigħ u prodotti oħrajn u preparazzjonijiet (pereżempju, sustanzi għat-twebbis u murdenti), ta' tip użati fl-industriji tat-tessuti, tal-karta, tal-ġilda jew bħalhom, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra, b'bażi ta' sustanzi amilaċeużi	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru għal kull perjodu sussegwenti	2 000

(1) B'żieda ta' 150 tunnellata kull sena mill-1 ta' Jannar 2017 sal-1 ta' Jannar 2021.
(2) B'żieda ta' 200 tunnellata kull sena mill-1 ta' Jannar 2017 sal-1 ta' Jannar 2021.
(3) B'żieda ta' 2 000 tunnellata kull sena mill-1 ta' Jannar 2017 sal-1 ta' Jannar 2021.
(4) B'żieda ta' 300 tunnellata kull sena mill-1 ta' Jannar 2017 sal-1 ta' Jannar 2021.
(5) B'żieda ta' 200 tunnellata kull sena mill-1 ta' Jannar 2017 sal-1 ta' Jannar 2021.
(6) B'żieda ta' 1 000 tunnellata kull sena mill-1 ta' Jannar 2017 sal-1 ta' Jannar 2021.
(7) B'żieda ta' 2 000 tunnellata kull sena mill-1 ta' Jannar 2017 sal-1 ta' Jannar 2021.
(8) B'żieda ta' 200 tunnellata kull sena mill-1 ta' Jannar 2017 sal-1 ta' Jannar 2021.
(9) B'żieda ta' 40 tunnellata kull sena mill-1 ta' Jannar 2017 sal-1 ta' Jannar 2021.
(10) B'żieda ta' 14 600 tunnellata kull sena mill-1 ta' Jannar 2017 sal-1 ta' Jannar 2021.